KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 459 (9-2)

It-Tnejn 8 ta' Lulju 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia (daħal għal-laqgħa fis-6.15pm)
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Dominic Grech (daħal għal-laqgħa fis-6.15pm)
Il-Kunsillier Albert Pace (daħal għal-laqgħa fit-8.30pm)
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**459.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**459.1.2** Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**459.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 458. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**459.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti mill-Minuti.

**459.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**459.3.1** Is-Sindku beda l-laqgħa billi spjega l-aġenda lill-Kunsilliera ġodda u ta overview tal-laqgħa.

**459.3.2** Is-Sindku informa li fl-1 ta' Awissu ser ikun hemm il-laqgħa ġenerali annwali tal-Gal Majjistral. Huwa spjega x'inhi il-funzjoni tal-Gal Majjistral u qal li l-Kunsill jista' jibbenefika minn fondi Ewropej taħt diversi skemi li jinħarġu, bħal ma fil-passat sar ir-restawr tal-istatwa ta' San Nikola u, xiri ta' apparat li jintuża għall-attivitajiet. Hu qal li bħalissa l-Kunsill tas-Siġġiewi mhux parti mill-bord wara li għal żmien twil kien hemm assenza tar-rappreżentanza iżda qed isiru t-taħdidiet biex nerġgħu nissieħbu. Hu qal li hemm benefiċċji kbar li l-lokalita' tista' tagħmel minn dawn l-iskemi.

**459.3.3** Is-Sindku preżenta rapport mill-Perit tal-Limestone Heritage dwar l-applikazjoni PA/07598/21. Hu qal li fil-leġislatura preċedenti, il-Kunsill diġa kien ħa stand kontra dan l-iżvilupp illegali u għalhekk jagħti s-sapport tiegħu għall-petizzjoni li għaddejja bħalissa. Huwa qal li r-rapport għandu jgħaddi għand il-Perit tal-Kunsill għar-rakkomandazzjoni tiegħu.

**459.3.4** Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mill-Public Works dwar il-proġett 'Renewable Energy Investments in Roads and Public Spaces' fejn ser isir dawl LED bil-pannelli fil-parkeġġ ta' Lapsi. Hu qal li bħalissa hemm xi ħsarat fid-dwal tal-latrina u l-park u qed isegwi mal-Kunsillier Albert Pace biex tiġi riżolta kemm jista' jkun malajr, anka peress li bħalissa l-park ikun frekwentat minn ħafna nies.

**459.3.5** Is-Sindku preżenta profil ta' Nikola Buhagiar għal tismija ta' triq fil-lokalita', meta jkun il-każ li jkun hemm triq bla isem.

**459.3.6** Live Streaming - Is-Sindku qal li minn informazjoni li tagħtu s-Segretarju Eżekuttiv hemm xi ħsarat fil-konnessjoni, iżda qed tiġi trattata biex sa Seduta oħra tkun funzjonabbli. Is-Sindku qal li haw diversi nies li jinteressahom isegwu s-Seduta u x'qed jiġi diskuss.

**459.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**459.4.1** Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**459.5** **Dekasteri u responsabbiltajiet għal leġislatura 2024-2029**

**459.5.1** Is-Sindku qal li fl-ewwel ġranet tal-leġislatura iltaqa' mal-Kunsilliera individwalment fejn ġew diskussa d-dekasteri u r-responsabiltajiet proposti lilhom u għalhekk qed iressaq il-lista kif maqbul.

**Il-Perit Julian Borg – Sindku**
**Dekasteri: Ambjent, Infrastruttura u Proġetti**

Responsabiltajiet oħra:

- Finanzi
- Ġemellaġġi u relazzjonijiet internazzjonali
- Rappreżentanza fir-Reġjun Punent
- Trasport Pubbliku
- Infurzar (pulizija, LESA, Transport Malta)
- Kumitat Ambjent u Siġurtà (chair)
- Kumitat Żona Ċentrali, Pjazza u l-Madwar
- Bord tal-Aġġudikazzjoni ta' Tenders
- Bord ta' Interviews u Impjiegi
- Attivitajiet
- Għaqdiet (flimkien ma' Ryan Cachia)
- Fuljett tal-Kunsill (flimkien ma' Francine Farrugia)

**Ryan Cachia – Viċi Sindku**
**Dekasteri: Kultura u Komunitajiet**

Responsabiltajiet oħra:

- Strateġija għat-turiżmu
- Kumitat Kultura u Wirt Storiku (chair)
- Carrying Capacity Study tal-lokalità
- Komunità Kummerċjali
- Bord tal-Aġġudikazzjoni ta' Tenders
- Bord ta' Interviews u Impjiegi
- Għaqdiet (flimkien ma' Julian Borg)
- Jum is-Siġġiewi – Re-Branding u Ippjanar (flimkien ma' Dominic Grech)

**Francine Farrugia**
**Dekasteri: Edukazzjoni, Żgħażagħ u Tfal,Ħarsien tal-Annimali**

Responsabiltajiet oħra:

- Librerija Pubblika
- Eco-Skola u proġetti STEM
- Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ (moderator)
- Bord tal-Aġġudikazzjoni ta' Tenders
- Fuljett tal-Kunsill (flimkien ma' Julian Borg)

**Charles Vassallo**
**Dekasteri: Indafa u Anzjani**

Responsabiltajiet oħra:

- Kura u Saħħa Pubblika
- Implimentazzjoni istema CCTV
- Innovazzjoni Diġitali fis-servizz tal-Kunsill Lokali

**Christopher Farrugia**
**Dekasteri: Sports u Attivitajiet Fiżiċi u l-Innovazzjoni**

Responsabiltajiet oħra:

- Enerġija Rinnovabbli
- Ġonna Pubbliċi
- Bord tal-Aġġudikazzjoni ta' Tenders
- Bord ta' Interviews u Impjiegi

**Dominic Grech**

Responsabiltajiet:

- Jum is-Siġġiewi – Re-Branding u Ippjanar (flimkien ma' Ryan Cachia)
- Implimentazzjoni restawr strutturali fuq binjiet storiċi jew niċeċ b'mod partikolari Kappella tal-Lunzjata (Salib tal-Għolja) u Kappella tal-Karmnu (Fawwara) (Flimkien ma' Julian Borg)

**Albert Pace**
**Dekasteri: Il-Qasam Soċjali u Integrazzjoni Soċjali**

Responsabiltajiet oħra:

- Għar Lapsi
- Kumitat Żona Ċentrali, Pjazza u l-Madwar (flimkien ma' Julian Borg)
- Dwal tat-Toroq
- Għajnuna u inizzjattivi Persuni bi bżonnijiet speċjali

Is-Sindku qal li ġiet preparata grafika biex tittella fuq il-midja soċjali mill-amministrazjoni.

459.6 **Aġġornament dwar proġetti infrastrutturali**

Is-Sindku qal li qed jagħti aġġornament tal-proġetti infrastrutturali li għaddejjin mil-leġislatura ta' qabel u li qed isewgi mill-qrib.

459.6.1 **Family Park – Triq Salvu Borg Olivier**

Huwa qal li flimkien mas-Segretarju qed jattendi l-progress meetings kull ġimgħa. Huwa qal li twaħħlu d-dwal solari u twitta l-konkos fis-simulation area, fejn irringrazja lis-Sindku preċedenti tal-koordinament waqt ix-xogħolijiet u lill-Kunsilliera Francine Farrugia tal-proposta u d-disinn. Huwa qal li qed isiru l-arranġamenti għal cctv cameras fil-ġnien kollu. Is-Sindku qal ukoll li t-triq ser tkun asfaltata minn Infrastructure Malta u propona li n-naħa l-oħra tal-ġnien, tul it-triq isiru l-konok għal-siġar indiġeni.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li ma jaqbilx mal-ispjega tas-Sindku. Hu qal li ilu jaħdem fuq dan il-proġett minn meta kien impjegat mal-Ministeru tal-Ekonomija fl-2020, fejn ħadem anka fuq proġetti f'lokalitajiet oħra, meta il-Wellbeing Society Foundation iffirmat flimkien mal-Indis biex isiru proġetti taħt il-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li l-idea tas-simulation kienet ħadmet fuqha hi, qabel hu kien sindku, flimkien mas-Sindku K.Sant lura fit-2019, flimkien mal-Perit tal-Kunsill, u dan jista' jara mid-dokumenti u pjanti fil-file relattiv. Hi qalet li l-proġett inbeda wara diversi laqgħat u konsultazjoni ma' NGOs u focus groups, dejjem bil-preżenza tas-Sindku Kurstein Sant u l-Perit tal-Kunsill. Hija qalet li saħansitra meta saru l-ewwel laqgħat mal-Indis, bil-ħsieb li l-proġett ikun finanzjat, kien ġie preżentat dan il-proġett.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li l-Family Park huwa proġett finanzjat interament mill-Indis u ma ntlaħaqx kompromess biex tiġi attwata xi applikazjoni oħra. Il-Kunsilliera Francine qalet li xorta jibqa l-fatt li l-idea tal-proġett attwat inħarġet mix-xogħol li kienet wettqet hi, inkluż il-pjanti u l-BOQ.

Is-Sindku talab li titkompla l-aġenda.

Il-Kunsillier Charles Vassallo saqsa jekk il-bring in site hix ser titressaq fejn kienet oriġinarjament. Is-Sindku kkonferma li ser terġa' titressaq fi Triq Salvu Borg Olivier. Il-Kunsillier Charles Vassallo propona li ssir talba għal magna tal-BCRS oħra u titpoġġa ħdejn il-bring in site, sorveljata minn cameras. Il-Kunsillier Francine Farrugia ssekondat din il-proposta u l-Kunsill unanimament approva.

459.6.2 **Proġett Komunitarju – Ramija**

Is-Sindku qal li jonqos żewġ affarijiet: l-asfaltar fi Triq Calcedon Zammit li inħareġ it-tender mill-Public Works u kien hemm xi issues biex il-proċess twal, iżda wasal biex jiġi finalizzat; u it-tender tad-dwal u l-għamara tat-toroq li qiegħed fil-proċess tal-aġġudikar.

Il-Kunsilliera Francine ġibdet l-attenzjoni dwar it-tip ta' bike racks biex ikun tat-tip approvat mill-assoċjazzjoni tar-roti.

Il-Kunsillier Dominic Grech, bħala Sindku preċedenti li kien qed isegwi l-proġett qal li s-siġar taż-żebbuġ eżistenti ser jibqgħu hemm u ser jiżdiedu iktar siġar indiġeni u kellha titpoġġa wkoll siġra matura fin-nofs. Normalment is-siġar jitħawlu għall-aħħar ta' Settembru bidu ta' Ottubru.

459.6.3 **Xogħol infrastrutturali fi Triq l-Imqabba**

Is-Sindku qal li t-trinka tal-Enemalta ingħalqet. Skond l-aħħar informazjoni għada ser jingħata l-aħħar saff ta' asfalt biex jitlesta l-proġett. Hu qal li qed isegwi mal-Perit biex malli jitlesta x-xogħol, jitwaħlu t-tabelli u s-senjaletika tat-traffiku.

459.6.4 **Zuntier**

Is-Sindku informa li ser ikun hemm xi tibdil żgħir fil-workplan minħabba l-għeluq tat-triq biex ikun hemm l-inqas inkonvenjent possibbli speċjalment għan-negozji, transport u residenti. Fejn possibbli, ix-xogħol ser isir minn fuq iz-zuntier biex jiġi limitat l-għeluq. Is-Sindku spjega l-andament tax-xogħol.

Il-Kunsillier Charles Vassallo saqsa il-possibilta' li jiġu installati bollards mad-dawra taz-zuntier minħabba ħsarat minn vetturi kbar.

Proġetti u xogħol ieħor

Is-Sindku qal li qed isiru laqgħat mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi u ma' Infrastructure Malta biex jiġu diskussi xogħolijiet marbuta tal-MOUs diġa iffirmati.

459.7 **Festa Għeneb 2024 u skema finanzjarja SPI/SCI/5/2024**

459.7.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie eliġibbli għal fondi taħt l-iskema SPI/SCI/05/2024 – Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025 fejn ġie allokat is-somma ta' €20,000. Huwa qal li bdew il-laqgħat għat-tħejjijiet u l-loġistika fejn l-għan ewlieni huwa li jinżammu tradizjonijiet u ssir promozjoni tal-kultura u drawwiet. Is-Sindku qal li din l-attivita' ser issir fl-14 ta' Settembru 2024.

**459.8** **Proġett 'Bankini ġodda għalik'**

**459.8.1** Is-Sindku qal li dan huwa proġett ambizzjuż u qed jiġi diskuss mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet peress li hemm ammont ta' fondi taħt l-MOU iffirmat. Is-Sindku qal li qed isir stħarriġ għal fondi disponibbli kemm minn fondi lokali, jew minn skemi ta' finanzjament oħrajn. Is-Sindku qal li bħalissa qed isir eżerċizzju permezz tal-perit tal-Kunsill biex issir statistika ta' kemm hawn bankini fil-lokalita', u x'kundizzjoni huma. Hu talab lill-kunsilliera biex jekk jafu b'xi bankini kundizzjoni ħażina, jgħaddu l-informazzjoni lill-uffiċċju mill-iktar fis. Is-Sindku qal li qed isir dan permess li hemm ammont ta' fondi sostanzjali disponibbli mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet u li s'issa ma ġie preżentat l-ebda pjan serju.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet ic-centre strips tal-Bypass/service road u l-possibilta' ta' bus shelters fil-bypass kif ukoll biex waqt ix-xogħolijiet ta' bankini jgħaddu servizzi u wiring minn taħt. Il-Viċi Sindku talab li l-bankini ġodda jkunu aċċessibbli.

**459.9** **Twaqqif ta' working group relatat ma' Ambjent u Trasport**

**459.9.1** Is-Sindku propona li jsir working grupp uniku b'dawn iż-żewġ temi peress li huma relatati. Hu qal li fis-seduta li jmiss ħa jitressqu l-ismijiet tal-membri. Is-Sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera jagħmlu working group tad-dekasteru tagħhom u iressaq l-ismijiet quddiem il-kunsill. Huwa qal li jekk tafu xi nies jistgħu jagħtu kontribut f'xi qasam, inkunu nistgħu navviċinawhom.

**459.10** **Kuntratti eżistenti u Contracts Manager**

**459.10.1** Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv telenka il-Kuntratti in vigore għall-informazjoni tal-Kunsilliera l-ġodda. Is-Segretarju Eżekuttiv elenkat il-kuntratti. Hija qalet li l-Kuntratt tal-iskart huwa immaniġjat mir-Reġjun Punent iżda xorta b'komunikazjoni u kollaborazjoni mal-Kunsill. Is-SE qalet li bħalissa hemm żewġ kuntratti għall-evalwazjoni, dak tal-knis u tat-tindif rurali u għalhekk bħalissa dawn iż-żewġ servizzi qed jingħataw b'direct order approvata.

**459.10.2** Is-Sindku qal li bħalissa l-Kunsill qiegħed mingħajr works manager, u spjega l-proċess ta' sejħa għal stima li kien diġa inħareġ u l-andament. Għalhekk, qal li peress li l-irħas offerent m'aċċettax li jiprovdi servizz, ix-xogħol jista' jibda' jingħata mit-tieni l-irħas offerent għat-tlett xhur li ġejjin.

Is-Sindku talab li sadanittant isir stħarriġ dwar finanzi u kundizjonijiet speċifiċi għal sejħa għal tender ta' works manager.

**459.11** **Applikazzjonijiet quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar għal Bus Shelters ġodda, Reading Garden u oħrajn**

**459.11.1** Is-Sindku qal li qed isir eżerċizzju mill-Perit tal-Kunsill rigward diversi applikazzjonijiet għall-permessi mill-Awtorita' tal-Ippjanar, fosthom bankini u bus shelters. Huwa qal li qed naraw il-proċess dwar l-istallazjoni ta' bus shelters peress li issa l-kawża l-Qorti ingħalqet u l-proċess qiegħed f'idejn l-AKL. Is-Sindku qal li hemm bżonn li jerġa jsir is-shelter 'Monument' fi Triq it-Tabib Nikola Zammit, dak fi Triq Blat il-Qamar, fi Triq FX Mangion, u quddiem id-Dar tal-Providenza. Rigward il-bus stop 'Monument' is-Sindku qal li ser jerġa jsir fejn kien kif kien approvat inizjalment.
Il-Kunsilliera Francine Farrugia ġibdet l-attenzjoni rigward it-tindif tal-bus shelters eżistenti.

**459.12** **Evalwazzjoni Festa San Nikola 2024**

**459.12.1** Is-Sindku saqsa hemmx kummenti. Hu qal li b'mod ġenerali kienet festa sabiħa. Hu rringrazja lis-Sindku preċedenti tal-organizzazzjoni u lill-amministrazzjoni tal-loġistika biex kollox mexa tajjeb. Qal li kien hemm xi issues dwar skart u ħmieġ fil-bypass, iżda għal darb'oħra naraw kif tista' tinstab soluzzjoni minn qabel. Hu qal li l-way forward hija iktar kenniesa in-naħa ta' fuq tal-pjazza u n-naħa t'isfel tal-bypass fejn tħallew xi munzelli ta' boroż, u issuġġerixxa li jitpoġġew iktar skips biex jiġi evitat dan. Hu qal li trid tintefa responsabilta' għall-indafa fuq min jarma kiosks, u propona li jitħallas depositu tat-tindif mal-permess. Is-Sindku semma li trid issir reviżjoni tal-ħin tal-ħasil wara l-festa tal-Ħadd u jintuża bowser ikbar.

Il-Kunsillier Charles Vassallo rringrazja l-għaqdiet li pparteċipaw u li grazzi għalihom il-festa kienet suċċess u talab li tintbagħat ittra ta' apprezzament. Hu semma wkoll xi problema tat-traffiku tiela minn Triq il-Qiegħa għal Triq Sta. Margerita u ippropona li l-parti ta' triq Sta. Margerita wara l-Madonna issir temporanjament direzzjoni bil-kontra biex ikun hemm flow.

**459.13** **Ħatra ta' Bord ta' Evalwazjoni fuq il-Kuntratti**

**459.13.1** Is-Sindku qal li bħalissa hemm żewġ tenders għall-evalwazzjoni. Hu ippropona li jinħatar bord komuni, kompost minnu, il-Viċi Sindku, il-Minority Leader, l-Kunsilliera Francine Farrugia bħala chairperson u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-formazzjoni tal-bord.

Is-Sindku ippropona l-ewwel laqgħa biex jibdew jiġu evalwati it-tenders LCS01/24 u LCS02/24 għal nhar it-Tnejn 15 ta' Lulju 2024 fit-8.00am.

**459.14** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**459.14.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**459.14.2** Is-Sindku ddikjara kunflitt f'applikazjonijiet PA6970/24, PA3389/24.

**459.14.3** Il-Kunsilliera Francine Farrugia ġibdet l-attenzjoni dwar PA1402/24 'Minor internal alterations, affixing of sign and change of use from a mini market to a pastizzeria outlet' u qalet li dan ħa joħloq problema ta' pparkjar fin-nofs u żieda ta' vetturi fiż-żona.

**459.15** **Rapport tal-Korrispondenza**

**459.15.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**459.15.2** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat talba minn resident biex l-isem Sqaq ta' Ngħajsa, kif inhu magħruf, jiġi uffiċjalizżat. Il-Kunsill unanimament qabel.

**459.15.3** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport tal-Ombudsman Każ 24-4519 dwar linji tat-traffiku mhux awtorizzati u dwar każ OMB-23-3760 dwar claim ta' ħsara fuq vettura. Hija qalet li ser issir laqgħa mal-avukat tal-Kunsill fuq dawn iż-żewġ rapporti biex jiġu imwieġba.

**459.16** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**459.16.1** Il-Kunsillier Charles Vassallo staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar il-proċess tal-ilmenti

u l-possibilta' ta' numru ta' referenza għall-ilmenti li jsiru. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-ilmenti jiġu reġistrati f'sistema interna u kull ilment jingħata awtomatikament numru ta' referenza. L-azzjoni fuq kull ilment tiġi reġistrata fis-sistema.

**459.17 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**459.17.1** Is-Sindku informa li r-reception li saret dak inhar tal-ġurament tal-ħatra, wara l-ewwel Seduta kienet iffinanzjata b'mod personali minnu u mill-Viċi Sindku u ma ntużawx fondi tal-Kunsill.

**459.18 Approvazzjoni tal-Aġġustamenti Finanzjarji – Għeluq tas-sena 2023**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-punti kollha mressqa mill-awditur ġew diskussi u saru l-aġġustamenti meħtieġa. Ir-rapport jiġi preżentat fis-Seduta li jmiss.

**459.19 Tiġdid ta' polza ta' assikurazzjoni (3rd party) u assikurazzjoni medika**

Is-Segretarju Eżekkuttiv qalet li l-assikurazzjoni waslet biex tiskadi. Is-Sindku propona li jsir it-tiġdid għal sena oħra. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva.

**459.19.1** Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza diġà mibgħuta rigward polza ta' assikurazzjoni medika. Hija qalet li diġà ġabret l-informazzjoni tal-Kunsilliera l-ġodda u li bħas-soltu il-miżata tal-membri tal-Kunsill hija koperta mill-Kunsill u tad-dipendenti mhix. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva.

**459.20 Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**459.20.1** Il-Kunsillier Dominic Grech qal li għandu xi mistoqsijiet indirizzati llis-Segretarju Eżekuttiv. Hu rrefera għaż-żjara tas-Sindku ta' Bari, dak inhar taċ-ċerimonja tal-ħatra ta' Sindku, u r-ritratt li ttella fil-midja soċjali tas-Segretarju Eżekuttiv taż-żjara tagħha f'Bari f'Ġunju. Hu saqsa jekk iż-żjara kienetx marbuta ma' invit, lil min kien indirizzat u meta ġie riċevut fl-uffiċċju u jekk intefqux finanzanzi mill-Kunsill għal din iż-żjara. Hu talab ir-raġuni wkoll għala iċ-ċertifikat tal-iffirmar tal-ġemellaġġ ma' Bari għadu mhux frejmjat u imdendel, meta iċ-ċertifikati ta' ġemellaġġ ma' Vittorja li m'għadux operattiv qiegħed in vista. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ż-żjara kienet purament privata u għalhekk ma ntużawx fondi tal-Kunsill. Hija qalet li ma kien hemm l-ebda invit u kieku kien hemm invit kienet timxi mal-prassi kif suppost u kif dejjem sar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif diġà infurmatu iċ-ċertifikat għadu mhux fi frame peress li minħabba diversi impenji oħra, ma kelliex ċans toqgħod tiġri għand diversi suppliers tal-frames, minħabba li d-daqs mhux wieħed standard u assikuratu li dan qiegħed f'post sigur u eventwalment jitwaħħal bħall-oħrajn.

**459.20.2** Il-Kunsillier Dominic Grech irrefera għal post tas-Sindku fuq il-midja soċjali fuq xogħolijiet fi Triq Annabelle Vassallo u Triq l-Imqabba. Hu qal li f'dan il-post ma ġiex rikonoxxuta Infrastructure Malta. Is-Sindku qal li il-post kienet informattiv dwar tabelli u senjaletika, u jekk tħalla xi ħaġa barra kien bi żvista. Hu qal li dejjem għandha tingħata r-rikonoxxenza kif inhu xieraq għax anke jekk xogħol tal-gvern ċentrali, qed tgawdi l-komunita' siġġiwija.

**459.20.3** Il-Kunsillier Dominic Grech staqsa lis-Sindku jekk kienx wiegħed lin-nies fiż-żjajjar tiegħu rigward tibdiliet fil-pjan tas-social housing ta' ħdejn il-ground. Is-Sindku wieġeb li l-proġett huwa tal-Housing u għalhekk ma jistax iwiegħed affarijiet li ma jaqgħux taħt il-kompetenza tiegħu. Hu qal li f'Seduti preċedenti kien ressaq diversi

proposti għal ġid tal-ambjent u r-residenti u li sa issa ma ġewx aċċettati. Il-Kunsillier Grech reġa' saqsa jekk qattx qal lir-residenti li ser iwaqqaf il-proġett. Is-Sindku wieġeb li kif qal, ma jistax jagħti ordni fuq xi ħaġa li mhix taħt il-kompetenza u jekk jinħtieġ informazzjoni fuq il-binja għandu jsaqsi dirett Ministru kompetenti.

**459.20.4** Il-Kunsillier Christopher Farrugia ġibed l-attenzjoni dwar mera mkissra fi Triq Ta' Brija ħdejn Kevin's Stationery, bżonn ta' qtugħ ta' ħaxix Triq Tal-Lewża, bżonn ta' knis fiż-żona Ramija, speċjalment fil-passaġġi tal-Binja u l-problema li l-magna tal-BCRS mhix tlaħħaq mad-domanda lokali u li hemm bżonn żieda ta' magna oħra.

**459.20.5** Il-Kunsillier Charles Vassallo tkellem dwar permessi ta' xogħlijiet illegali li kien hemm imwaħħlin fi Triq il-Knisja l-Qadima u li tagħhom kien informa lill-amministrazjoni. Semma wkoll il-bżonn ta' refreshing ta' Stop signs speċjalment fi Triq Blat il-Qamar u faċċata ta' Triq il-Għid.

**459.20.6** Il-Kunsillier Francine Farrugia qalet li hemm bżonn rinfreskar tal-marki sofor fuq ir-road humps f' Ta' Kandja għax ma jidhrux, tibdil ta' mera mkissra Triq il-Fawwara ħdejn ir-ruħ, bżonn tar-refreshing ta' Stop signs u talbet il-location tad-dog bins fil-lokalita' biex tkun tista' tara fejn qegħdin imqassmin u jekk hemmx lok li jiżdiedu iktar.

**459.20.7** Hija semmiet ukoll li fadal bilanċ ta' fondi mir-Reġjun Punent għal-librerija, filwaqt li qed taħdem mal-Ministeru tal-Inklussivita' biex tinħadem librerija. Din qed tinħadem minn persuni bi bżonnijiet speċjali.

**459.20.8** Il-Kunsilllier Francine Farrugia infurmat li ġiet rinovata l-affiljazzjoni mal-BELC (Building Europe for Local Councillors), b'impenn għall-politiċi lokali biex jaħdmu flimkien u biex ixerrdu informazzjoni dwar kwistjonijiet tal-UE li jikkonċernaw lill-kostitwenti tagħhom fil-livell lokali.

**459.20.9** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li kellmuh diversi residenti minn Triq Karmenu Vassallo jilmentaw rigward inkonvenjent minn meta twaħħlu r-road humps viċin, minħabba ħsejjes tat-trakkijiet anke f'sigħat bikrin. Huma qalu li ma kienx hemm konsultazzjoni magħhom biex dawn jitwaħħlu hemm.

**459.20.10** Il-Viċi Sindku tkellem dwar it-tumbata bl-asfalt li hemm fil-bidu ta' Triq San Nikola ma' Pjazza, ħdejn Ferdinand Bar. Hu qal li bosta anzjani jitfixklu magħha. Saqsa x'inhi l-funzjoni tagħha, u jekk hemmx lok li din titneħħa. Huwa semma wkoll il-bżonn li jitranġaw l-aħħar żewġ tarġiet fin-niżla ta' Lapsi għax qegħdin perikolużi.

**459.20.11** Il-Kunsillier Albert Pace semma li ser isir xogħol tal-wiċċ tat-Trejqa tal-Wied ta' Sant'Andrija u saqsa jekk nistgħux niċċekjaw jekk hux ser jgħaddu s-servizzi tal-ilma. Huwa talab li jkollu numru ta' referenza tar-rapport tal-ħsara tal-bozoz f Għar Lapsi peress li ilha żmien ma tixgħelx.

**491.21** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-8.45 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 5 t'Awwissu 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 5t'Awwissu 2024

Julian Borg
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv